A.L. 172 ta' l-1989

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1990.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-partita 2 tagħha, minflok il-figura "50c" għandha tidħol il-figura "Lm5";

(b) fil-partita 3 tagħha, minflok il-figura "50c fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm5 fis-sena";

(ċ) fil-partita 5 tagħha, minflok il-figura "Lm10 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm50 fis-sena";

(d) fil-partita 6 tagħha, minflok il-figura "Lm6.50 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm10 fis-sena";

(e) fil-partita 7 tagħha, minflok il-figura "Lm5 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm10 fis-sena";

(f) fil-partita 8 tagħha, minflok il-figura "Lm3 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm5 fis-sena";

(ġ) minflok il-partita 42 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"42. Biex wieħed jagħmilha:

(a) ta' *pedlar* jew ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura miġbuda minn annimal	Lm10 fis-sena
(b) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur għall-bejgħ	

ta' ħobż u prodotti friski (li ma jkunux frott u ħxejjex) . Lm10 fis-sena

(ċ) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur għall-bejgħ ta' frott u ħxejjex ..... Lm20 fis-sena

(d) ta' bejjiegħ fit-toroq ta' xi kommodità f'suq miftuħ (f'kull lokalità minbarra fil-Belt Valletta) ..... Lm30 fis-sena

(e) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur jew inġenju tal-baħar ..... Lm40 fis-sena

(f) ta' bejjiegħ fit-toroq f'post fiss fis-suq miftuħ fil-Belt Valletta jew f'xi post fiss x'imkien ieħor ..... Lm50 fis-sena";

(h) fil-partita 44 tagħha, minflok il-figura "50c fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm5 fis-sena";

(i) fil-partita 48 tagħha, minflok il-figura "Lm10 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm20 fis-sena";

(j) fil-partita 55 tagħha, minflok il-figura "Lm5 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm10 fis-sena";

(k) (i) fil-partita 79 (a) tagħha, minflok il-figura "Lm12 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm20 fis-sena";

(ii) fil-partita 79 (b) tagħha, minflok il-figura "50c" għandha tidħol il-figura "Lm2";

(l) (i) fil-partita 85 (a) tagħha, minflok il-figura "Lm1 fis-sena" għandha tidħol il-figura "Lm5 fis-sena";

(ii) fil-partita 85 (b) tagħha, minflok il-figura "50c" għandha tidħol il-figura "Lm2";

(m) il-partita 92 għandha tiġi emendata kif ġej:—

(1) fit-taqsima "*Lokalità A* tinkludi:—" —

minflok l-intestaturi "Paceville" u "Buġibba" għandu jidħol dan li ġej:

"Paceville . . i.e. l-area magħrufa bħala Paceville imdawra bi u tinkludi Spinola Road (iż-żewġ naħat), dik il-parti ta' St George's Road bejn Spinola Road u l-Bajja ta' San Ġorġ (iż-żewġ naħat), il-Bajja ta' San Ġorġ u t-triq li minn dik il-Bajja tieħu lejn it-Triq Reġjonali (iż-żewġ naħat u t-toroq fil-ġnub li joħorġu minnha) u Dragonara Road.

San Ġiljan . . Triq Ġorġ Borg Olivier, Spinola Square u St George's Road sa Spinola Road (inkluża kull triq tal-ġenb li joħorġu minnha fl-area).

Buġibba
u l-Qawra . . Din il-lokalità tinkludi l-area mdawra b'Toni Bajada Street (iż-żewġ naħat), Mosta Road bejn Toni Bajada Street u Salini Coast Road sa Pioneers Corps Road, Pioneers Corps Road, Qawra Road (inklużi t-toroq tal-ġenb li jinsabu fl-area) sa u inkluża Buġibba Road sa fejn din tiltaqa' ma' Toni Bajada Street ħdejn u inkluż il- Gillieru Restaurant.";

(2) fit-taqsima "*Lokalità B* tinkludi:—" —

(i) taħt l-intestatura "Il-Belt Valletta", minflok il-kliem "Triq Santa Luċija;" għandhom jidħlu l-kliem "Triq Santa Luċija bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Punent;";

(ii) taħt l-intestatura "Tas-Sliema", minflok il-kliem "Triq Manwel Dimech bejn ix-Xatt u Triq Bisazza;" għandhom jidħlu l-kliem "Triq Manwel Dimech bejn ix-Xatt u St Helen Street;" u

(iii) wara l-intestatura "Marsalforn" għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:

"Il-Mellieħa ..... Triq Irjali."; u

(3) fit-taqsima "*Lokalità Ċ* tinkludi:—" —

minflok il-partita "Il-Mellieħa ..... Triq Irjali." għandhom jidħlu dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"Wied
il-Għajn . . . . Pjazza Dun Tarcis Agius, Triq ix-Xatt, Triq is-Salini u Mifsud Bonnici Square.

Birżebbuġa . . Il-Bajja s-Sabiħa, Triq San Edwardu bejn il-Bajja s-Sabiħa u l-Moll, Triq Bonnici u Misraħ Birżebbuġa.";

(n) fil-partita 16 tagħha, minflok il-figura "6ċ" għandha tidħol il-figura "Lm1";

(o) minufih wara l-partita 16 tagħha, għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"16A. Għal depożitu ta' *cranes* jew makkinarju ieħor tqil u goff f'xi post f'passaġġ pubbliku waqt l-erezzjoni, il-bini jew it-twaqqigħ ta' xi bini jew proġett ieħor bħal dak, għal kull biċċa makkinarju bħal dik dwar kull ġurnata jew parti minnha Lm10;

(p) fil-partiti 24, 25, 29, 30 u 38 tagħha, minflok il-figura "50c" f'kull każ għandha tidħol il-figura "Lm1";

(q) fil-partita 31 tagħha, minflok il-figura "Lm3" għandha tidħol il-figura "Lm1";

(r) fil-partiti 71 u 72 tagħha, minflok il-figura "Lm1" f'kull każ għandha tidħol il-figura "Lm5"; u

(s) fil-partita 87 tagħha, minflok il-figura "Lm5" għandha tidħol il-figura "Lm10".